

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Assikurazzjoni Tal-assi Waqt Klejm Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Romania](#)

Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE

 Rumanija

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

It-tipi differenti ta' miżuri kawtelatorji huma l-qbid kawtelatorju u ġudizzjarju u s-sekwestru kawtelatorju. Il-miżuri kawtelatorji huma ordnijiet proċedurali ta' ffriżar u konservazzjoni maħruġa mill-qorti kontra l-assi tad-debitur biex jipprevjenu lill-parti avversarja milli teqred oġġetti jew tiddisponi minnhom, jew milli tnaqqas l-assi tagħha.

Il-qbid kawtelatorju jikkonsisti fl-iffriżar tal-assi traċċabbli tad-debitur sabiex jiġu rkuprati meta l-kreditur ikun kiseb ordni ta' eżekuzzjoni. Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili fih serje ta' dispożizzjonijiet speċjali dwar il-proċedura għall-qbid kawtelatorju ta' bastimenti ċivili.

Il-qbid ġudizzjarju jikkonsisti fl-iffriżar tal-assi billi jafdahom lil uffiċjal tal-qbid għall-kustodja.

Il-qbid ġudizzjarju jista' jiġi applikat kull meta jkun hemm proċedimenti legali li jittrattaw proprjetà jew dritt ieħor prevalenti *in rem*, is-sjeda ta' assi jew l-użu jew il-ġestjoni ta' koproprietà, fejn il-qorti tkun kompetenti li tapprova l-qbid ġudizzjarju ta' assi.

2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

2.1 Il-proċedura

Ordni ta' qbid kawtelatorju tinħareġ mill-qorti u tiġi eżegwita mill-uffiċjal ġudizzjarju mingħajr ebda awtorizzazzjoni jew formalità għajr ir-reġistrazzjoni. Barra minn hekk, il-qbid għandu jseħħ mingħajr ma jiġi infurmat jew jingħata avviż minn qabel lid-debitur.

L-ordnijiet jistgħu jinħarġu biss mill-qorti tal-prim'istanza b'ġuriżdizzjoni fuq il-materja (qbid ġudizzjarju, sekwestru kawtelatorju), mill-qorti tal-prim'istanza li tittratta l-kawża jew mill-qorti li taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha jinsab l-assi (qbid ġudizzjarju). F'tali proċedimenti speċjali, mhijiex obligatorja l-assistenza minn avukat. L-ordnijiet ta' qbid kawtelatorju u sekwestru kawtelatorju jiġu eżegwiti minn uffiċjal ġudizzjarju. L-uffiċjal tal-qbid jista' jħejji d-dokumenti kollha għall-konservazzjoni u l-amministrazzjoni, jirċievi xi dħul u ammonti dovuti u jħallas kemm id-djun attwali kif ukoll id-djun stabbiliti skont ordni ta' eżekuzzjoni. L-ispejjeż prevedibbli huma taxxi tal-boll ġudizzjarji biss li, skont l-Artikolu 11(1)(b) tal-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 80 tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar it-taxxi tal-boll ġudizzjarji, huma RON 100 għal pretensjonijiet marbuta ma' miżuri kawtelatorji u RON 1,000 għal pretensjonijiet dwar arrest ta' bastimenti u inġenji tal-ajru. Il-kreditur jista' jkun obligat iħallas depożitu ta' sigurtà stabbilit mill-qorti. Jekk il-pretensjoni tal-kreditur ma tkunx iddikjarata bil-miktub, id-depożitu ta' garanzija huwa stabbilit mil-liġi bħala nofs il-valur iddikjarat.

2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Għall-ordnijiet ta' qbid u sekwestru kawtelatorju, kawża għandha tkun pendenti. Fil-każ ta' qbid ġudizzjarju, tista' tinħareġ ordni anke jekk ma jkun hemm l-ebda kawża pendenti. Kreditur li ma jkollu l-ebda ordni ta' eżekuzzjoni

jista' jitlob l-eżekuzzjoni ta' qbid jew sekwestru kawtelatorji jekk iġib provi li jkun ressaq it-talba tiegħu.

F'każijiet urġenti, talba għall-arrest kawtelatorju ta' biċċa tal-baħar tista' tiġi ppreżentata anki qabel ma jiġi ppreżentat rikors dwar il-merti tal-każ.

Qorti tista' tippermetti qbid ġudizzjarju jew sekwestru kawtelatorju jekk dan ikun meħtieġ biex tħares id-drittijiet ta' parti u jekk tkun pendenti kawża rigward id-dritt ta' sjieda jew dritt prevalenti ieħor *in rem*, il-pussess ta' assi jew l-użu jew l-amministrazzjoni ta' koproprietà.

Qbid ġudizzjarju jista' jiġi permess anke jekk ma tkunx bdiet azzjoni fuq il-merti dwar assi li d-debitur joffri għar-rilaxx tiegħu; fuq assi li dwarhom il-persuna kkonċernata għandha raġunijiet raġonevoli biex tibża' li dawn se jitneħħew/jinquerdu/jinbidlu mis-sid; għal assi mobbli li jirrappreżentaw il-garanzija tal-kreditur, meta hu jew hi ssostni l-insolvenza tad-debitur tagħha jew meta l-kreditur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li d-debitur se jevita l-eżekuzzjoni jew jibża' li l-assi jitneħħew jew jiddeterjoraw.

Qorti toħroġ deċiżjoni b'rabta mat-talba ta' qbid kawtelatorju / sekwestru kawtelatorju b'urġenza *in camera*, mingħajr ma tħarreġ il-partijiet, taħt sentenza eżegwibbli, u tistabbilixxi, fejn applikabbli, il-valur tad-depożitu ta' garanzija u l-limitu ta' żmien għall-ħlas tiegħu. Talba għal qbid ġudizzjarju tiġi ttrattata b'urġenza u l-partijiet jitħarrku. Jekk it-talba tiġi aċċettata, il-qorti tista' tobbliga lill-ilmentatur iħallas depożitu ta' garanzija u kwalunkwe assi immobbli jiġu elenkati fir-reġistru tal-artijiet.

3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Il-kontijiet tal-bank, l-assi intanġibbli, il-garanziji, eċċ. jistgħu jkunu suġġetti għal sekwestru kawtelatorju.

L-assi tanġibbli mobbli, il-vetturi reġistrati, l-assi immobbli, eċċ. jistgħu jkunu suġġetti għal qbid kawtelatorju.

L-assi immobbli, l-assi mobbli, eċċ. jistgħu jkunu suġġetti għal qbid ġudizzjarju.

Flus, titoli jew assi intanġibbli mobbli oħrajn jistgħu jkunu suġġetti għal sekwestru eżekuttiv.

3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Għal qbid u sekwestru kawtelatorju, l-assi maqbuda jew sekwestrati jistgħu jiġu rkuprati biss wara li l-kreditur ikun kiseb ordni ta' eżekuzzjoni.

Ordni ta' arrest kawtelatorju ta' bastimenti tiġi eżegwita billi l-bastiment jinżamm mill-uffiċċju tal-kaptan tal-port fejn ikun jinsab dak il-bastiment. F'dan il-każ, l-uffiċċju tal-kaptan tal-port ma jirrilaxxax id-dokumenti tat-trasport meħtieġa u ma jippermettix li l-bastiment jitlaq mill-port.

Tiġi imposta multa bħala piena biss jekk l-ilmentatur jikseb b'*mala fide* miżura kawtelatorja li tkun ta' dannu għall-intimat. L-intimat/id-debitur jista' jkun suġġett għal piena skont il-liġi kriminali għal nuqqas ta' konformità ma' sentenzi tal-qorti.

Jekk id-debitur jippreżenta garanzija suffiċjenti, il-qorti tista' tannulla l-mandat ta' qbid kawtelatorju fuq talba tad-debitur. It-talba għall-ħelsien ta' assi tiġi ttrattata f'seduta bil-magħluq, b'urġenza, u l-partijiet jitħarrku fi żmien qasir għas-sentenza.

Bl-istess mod, jekk it-talba prinċipali li abbażi tagħha tkun ingħatat miżura kawtelatorja tiġi annullata, miċħuda jew ma tibqax valida b'sentenza finali jew jekk il-persuna li tkun ressqet dik it-talba tkun irrinunzjat għall-proċess tagħha, id-debitur jista' jitlob li l-ordni tiġi rtirata mill-qorti li tkun ħarġitha. Il-Qorti tagħti sentenza finali dwar it-talba, mingħajr ma tħarreġ lill-partijiet.

3.3 X'inhom l-validità ta' dawn il-miżuri?

Għal qbid u sekwestru kawtelatorju, il-limiti ta' żmien li ma jkoprox il-perjodu tal-mandat maħruġ mill-qorti jistgħu jiġu stabbiliti skont deċiżjoni tal-qorti (pereżempju, il-limitu ta' żmien meħtieġ għall-kreditur biex jippreżenta depożitu ta' garanzija suġġett għal piena ta' rilaxx ta' assi).

Dan il-mandat ikun validu sakemm is-sentenza tat-talba għar-rilaxx tal-assi, jekk din it-talba tkun ġiet miċħuda, ma tkunx għadha valida jew tiġi annullata jew, jekk it-talba tkun aċċettata, sal-eżekuzzjoni tas-sentenza jew sakemm id-debitur jipprovdi garanziji suffiċjenti.

L-appelli dejjem jinqatgħu fil-preżenza tal-partijiet.

4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

Għal qbid u sekwestru kawtelatorji, is-sentenza hija soġġetta biss għal appell fi żmien 5 ijiem mid-data tad-deċiżjoni jew tan-notifika, skont jekk il-proċess kienx sar bil-partijiet imħarrka jew mingħajrhom, quddiem il-qorti superjuri fil-ġerarkija. Jekk il-ġuriżdiżjoni tal-prim' istanza tirrigwarda l-qorti tal-appell, ir-rimedju jkun appell. L-effett ta' dawn ir-rimedji huwa jew ir-rilaxx tal-assi jew iż-żamma tal-miżuri kawtelatorji. Kwalunkwe parti interessata tista' tippreżenta oġġezzjoni kontra l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid/sekwestru.

■ L-aħħar aġġornament: 20/02/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.